Mandat ta' Inibizzjoni

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

(Rikorrent) MSM (K.I. XXX)

*kontra*

(Intimat) (i) MM (K.I. XX);
(ii) PB (K.I. XX);
(iii) N *sive* R M (K.I. XX);
(iv) LAM (K.I. XX);
(v) CF (K.I. XX)
(vi) JM (K.I. XX)

**Rikors ta' MSM:**

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:

Illi l-esponenti għandha l-interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħha;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha tixtieq iżżomm lill-intimati, jew min minnhom, milli jeżerċitaw kummerċ jew negozju mill-fond *ossia* razzett bl-isem "XX" fi Triq XX f'XX jew jużaw il-post b'mod li jdaħħlu terzi għal skopijiet ta' negozju liema fond jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet u ambjenti kontigwi, stante l-ħsara strutturali li fih il-fond;

Illi l-esponenti flimkien ma' ħutha l-intimati huma lkoll eredi universali fi kwoti indaqs bejniethom tal-ġenituri tagħhom G u G M li ġew neqsin fit-XX u fl-XX rispettivament u dan skont testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor XX XX tas-XX;

Illi fost il-proprjeta' formanti parti mill-eredita *de quo* hemm ir-razzett bl-isem "XX" fi Triq XX f'XX li jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet u ambjenti kontigwi, liem proprjeta' hija libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

Illi minn rapport tal-Perit AA datat XX li kopja tiegħu tinsab annessa u mmarkata dokument "A", jirriżulta li hemm problemi fl-istruttura tal-garaxxijiet li jagħmlu parti mill-proprjeta' imsemmija tant li l-Perit suriferit jgħid is-segwenti:

> It is thus evident from the visual inspection that such a ceiling currently poses a danger and is not considered safe enough to users. The structral integrity of the reinforced concrete ceilings has been compromised such that they are considered as rather dangerous in their current state and thus need attention.
>
> On this basis, it is hereby recommended that remedial works are carried out at the earliest, including the provision of temporary propping, in order to avoid any serious consequences, until the structural ceilings are rendered completely safe again.

Illi għalhekk l-esponenti ma kellha ebda għażla oħra għajr li tipprotesta l-aġir tal-intimati jew min minnhom quddiem din l-Onorabbli Qorti u dan permezz tal-Protest Ġudizzjarju Numru XX/XXX, kopja legali ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata dokument "B";

Illi in vista tas-suespost, l-esponenti ma tixtieqx li tibqa' fi stat ta' komunjoni fi rigward ta' tali beni u għal kull buon fini jiġi dikjarat li l-esponenti għaddiet sabiex tippreżenta l-opportuna kawża sabiex issir il-qasma ġudizzjali tal-proprjeta miżmuma in komun jew il-bejgħ in liċitazzjoni tal-istess, liema kawża ġġib l-istess ismijiet ta' dan il-mandat u tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rik. Ġur. Nru. XX/XX/XX) liema kawża għadha pendenti u naturalment aktar ma ddum, aktar idumu l-intimati għaddejjin bin-negozju minkejja l-periklu;

Illi minkejja l-ħsarat sostanzjali li għandu l-fond *de quo,* l-intimati jew min minnhom għadhom jiġġestixxu negozju minn dan l-istess fond, u għaldaqstant qiegħdin idaħħlu terzi fl-istess stabili, liema aġir jista' jwassal għal danni kemm fil-konfront tal-esponenti u anke ta' terzi;

Illi l-esponenti hija ben konsapevoli tal-fatt li qiegħdin isiru xi xogħlijiet rimedjali fil-fond *de quo* u dan kif ġie konfermat mill-intimati stess meta ppreżentaw irċevuti ta' tali xogħlijiet lill-esponenti sabiex hija tħallas sehmha għal tali xogħlijiet. Dan il-fatt stess ikompli jenfasizza l-fatt li s'issa dan il-fond mhuwiex sigur biżżejjed biex jiġi użat għall-iskopijiet li qiegħdin jużawh l-intimati jew min minnhom, għaliex f'każijiet simili, żgur li m'għandux jiġi eżerċitat negozju minn fond simili! Barra minn hekk, għad mhemmx ċertifikazzjoni ta' perit li tali fond huwa sigur biżżejjed u għaldaqstant dan kollu jenfasizza l-fatt li s'issa dan il-fond mhuwiex sigur biżżejjed biex jiġi użat għall-iskopijiet li qiegħdin jużawh bħalissa l-intimati jew min minnhom;

Illi ġjaladarba tali fond mhuwiex ikkunsidrat sigur sabiex jidħlu terzi ġo fih, isegwi li faċilment jista' jweġġa xi ħadd ġo fih u ġjaladarba l-kontendenti huma lkoll sidien il-fond *de quo*, huma lkoll responsabbli għall-ħsarat li jistgħu jiġru u dan kif jipprovdi l-Art. 1041 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> Is-sid ta' bini jwieġeb għall-ħsara li ssir mit-tiġrif tal-bini, meta dan it-tiġrif jiġri minħabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minħabba difett fix-xogħol tal-bini, iżda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu raġun jaħseb li dak id-difett kien jeżisti.

Illi l-esponenti ser tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;

Illi sabiex jiġu salvagwardjati l-jeddijiet ta' l-esponenti jintalab umilment illi prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament, tordna l-ħrug tal-Mandat b'mod provizorju;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu lil-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż.

Avv. John Bonello — Avv. Marthese Grech

*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Illum, ta' Lulju 2019

Ippreżentat minn P.L. Jean-Pierre Busuttil b'żewġ (2) dok.

*Dep. Registratur*

| | | |
|---|---|---|
| RIKORRENTI: | A | |
| INTIMATI: | (i) | B |
| | (ii) | C |
| | (iii) | D |
| | (iv) | E |
| | (v) | F |
| | (vi) | G |
| EŻEKUZZJONI: | F | |